MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 536/2014

Appell Nru: 536/2014

Il-Pulizja

Spettur Frankie Sammut

Vs

Abdeladeim Mohammed Bashir Al Shohumi

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Abdeladeim Mohammed Bashir Al Shohumi, detentur tal-karta tal-passaport libjan bin-numru 926149 akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-13 ta' Dicembru, 2014 u jew fil-granet ta' qabel f'Malta iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'permesso di soggiorno jew dokument, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu permesso di soggiorno Taljan jew dokument, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f'isem Abdeladeim Mohammed Bashir Al Shohumi.

Akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentament ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija.

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi mighajr awtorita' legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-att li jkun iffalsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Dicembru, 2014, fejn il-Qorti stante ammissjoni, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u wara li rat l-artikolu 5 tal-Kap 61, 189 tal-Kap 9 u 32(f) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat ghal-terminu ta' prigunerija ta' seba xhur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Abdeladeim Mohammed Bashir Al Shohumi, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Dicembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn il-Qorti sabet htija u thassraha f'dik il-parti fejn erogat il-piena u minflok tikkundanna lill-appellant piena aktar mita u ekwa fic-crikostanzi kollha tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Abdeladeim Mohammed Bashir Al Shohumi huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tal-Magistrati kienet wahda eccessiva u esagerata u dan minhabba ir-ragunijiet li gejjin.

Illi l-appellant jaghmilha cara li huwa ammetta l-imputazzjonijiet kif gew migjuba kontrih u zgur mhux dirett ghar-riforma tal-appellant jew wisq inqas ta' ghajnuna lill-persuna li tinsab persegwitata hi u l-familja taghha.

Ikkunsidrat:

Fit-tlettax (13) ta' Dicembru tal-elfejn u erbatax (2014) l-appellant inqabad l-ajruport jipprova jaqbad titjira barra minn Malta u fuqu kellu "permesso di soggorno" Taljan falz. Ghalhekk tressaq il-Qorti 'il ghada l-erbatax (14) ta' Dicembru tal-elfejn u erbatax (2014) fejn fuq ammissjoni tieghu l-Qorti ikkundannat lill-appellant ghal perjodu ta' prigunerija ta' seba' (7) xhur.

L-appellant hassu aggravat minn din il-piena u minnha interpona appell peress illi deherlu illi kellu jinghata sentenza sospiza u mhux habs effettiv.

Sadanittant fis-sbatax (17) ta' Jannar tal-elfejn u hmistax (2015) l-appellant inghata "subsidiary protection" fejn allura dan jaghtih id-dritt illi jibqa' Malta sakemm tigi regolarizzata l-pozizzjoni tieghu definittivament. Di più l-ligi taghti massimu izda mhux minimu.

Ikkunsidrat:

Il-principju regolatur hu li mhux normali illi l-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi ghandha tinghata piena differenti oltre dak erogat. F'dan il-kaz irrizulta illi l-ligi vera illi taghti massimu izda mhux minimu però l-Qorti tal-Magistrati fid-diskrezzjoni taghha wara illi semghet kollox deherilha illi kellha timponi piena karcerarja effettivament ta' seba' (7) xhur. Din qieghda fil-parametri u kwindi mhux il-kaz illi tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------